MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Avviz Numru. 794/1999/1

**TubeLine Limited**

**Vs**

**Linda Conroy**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u tmenin Liri Maltin u wiehed u sebghin centezmi (Lm384.71) rapprezentanti l-hlas dovut lilha ghal "freight charges" u spejjez ancillari u accessorji li s-socjeta attrici hallset lis-socjeta' estera "Delamonde International" ta' l-Ingilterra sabiex is-socjeta attrici setghet tirtira mid-Dwana diversi oggetti uzati illi l-konvenuta importat f'Malta mill-Ingilterra, u liema hlas baqgha ma sarx minkejja li giet diversi drabi interpellata sabiex

taghmel l-istess hlas, bl-imghax u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 4 tal-atti) u li biha eccepiet:-

1. Fl-ewwel lok is-socjeta attrici ghandha tghid minn ta l-inkarigu biex thallas l-ammont indikat fl-avviz biex b'hekk tkun tista' tigi stabbilita ir-relazzjoni giuridika bejn il-kontendenti ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta ghall-hlas tas-somma indikata fl-avviz.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti m'hiex debitrici tas-socjeta attrici anzi hija s-socjeta attrici li ghandha taghti lill-esponenti ghad-danni sofferti mill-istess esponenti fil-merkanzija trasportata mill-Ingilterra ghal Malta tant li hemm kawza pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili – kawza fl-ismijiet Linda Conroy vs Tubeline Limited proprio et nomine, Citaz Nru 1213/99RCP appuntata 11 ta' Novembru 1999.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluza n-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta attrici a fol 52 et seq tal-istess atti kif ukoll dik tal-konvenuta a fol 56 et seq tal-atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rappresentanza tas-socjeta attrici, <u>Michael Licari</u> (fol 13 u fol 41 et seq ibid) u in konnessjoni ma dak premess fl-avviz in esami, beda biex jghid illi s-socjeta attrici kienet giet avvicinata minn "certu Sur Mifsud". Dan talab f'isem l-attrici li jigu trasportati mill-Ingilterra certi effetti personali. Dwar dan l-istess Mifsud, effettivament u filfatt, kien talab "…. Referenza ghal 'forwarding agents' fil-pajjiz imsemmi u kien inghata l-isem ta' impjegata mad-ditta estera Delamode .

Inoltre, wara talba tal-istess Robert Mifsud, kien sar kuntatt mal-istess ditta estera sabiex din tissottometti "quotation" u din giet sottomessa lill-istess Mifsud. Meta, sussegwentement, dawn l-oggetti personali kienu waslu f'Malta, instab li dawn kienu "… fi stat dannegjat". Fuq

dan il-punt, ix-xhud semma illi, meta l-“groupage container” kien di gja fi triqtu lejn Malta, s-socjeta estera msemmija kienet informat lis-socjeta attrici li “… l-‘’packing’ tal-istess oggetti (li kien sar mill-konvenuta) ma kienx tajjeb ghal vjagg bil-bahar. Dwar dak li kellu jsir mill-istess socjeta estera, din kellha tigbor l-istess oggetti, di gja ppakjati “…mid-dar (tal-konvenuta) fl-Ingilterra, ipoggih f’’container’ u jsir ix-‘shipping’ lejn Malta’ u jigi notat illi, in rigward dan, ‘xi kondizjonijiet ohra jew regolamenti ohra, sa fejn naf jiena ma kienx jorbtu lil Linda Conroy’. Ix-xhud kompla biex jghid illi, mal-wasla f’Malta tal-istess oggetti, s-socjeta attrici harget il-kont, “… in rigward ‘freight charges’ u ‘local charges’ …..” u, hawnhekk, minhabba dak premess, ghall-ewwel darba, il-konvenuta kellha laqgha mas-socjeta attrici u sussegwentement l-istess konvenuta kienet hallset l-ispejjes kollha in konnessjoni biss ma dak li di gja sar accenn ghalih bhala ‘local charges’ ossija ‘clearance’ u trasport intern f’Malta. Tali hlas jirrisulta mill-fotokpja ta’ ‘cheque’ anness a fol 11 tal-atti u mill-fotokopja ta’ ittra a fol 10 tal-atti, f’liema dokument jirrisulta, ukoll, li l-konvenuta qed tikkontesta l-ammont specifikat fl-avviz in esami u li kien jirreferi ghat-trasport tal-imsemmija oggetti mill-Ingilterra lejn Malta. Ix-xhud spicca biex jghid testwalment u dwar dan l-ammont illi “Avolja l-oggetti waslu dannegjati, ahna minhabba r-relazzjoni taghna mas-socjeta Delamode hallasna lill-istess socjeta …. il-freight charges ……”. Ix-xhud iggustifika tali hlas “…. Peress li kellna nikkonfermaw ruhna mal-‘BIFA regulations’ in rigward ‘freight charges’” u esebixxa kopja ta’ tali regolamenti (fol 19 sa fol 22 tal-atti) waqt li ghamel referenza specifika ghal dawk enumerati 23 A u 24 u l-parti numru B kondizzjoni 9 (fol 21 u fol 22 ibid). Dwar dawn ir-regolamenti, pero’ ix-xhud in kontro esami, specifika “I do not think that these documents, I am referring to were ever shown to the defendant Ms Conroy” waqt, in rigward id-dokument a fol 22 hu kompla biex jixhed “… this is definitely an agreement … between Tubeline Limited and the consignee (il-konvenuta avolja, mmedjatament wara, qal “This document was never agreed by Ms Conroy. Neither was it shown to her”.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif risultanti minn fol 39 u fol 40 tal-atti, (ara ukoll it-tieni eccezzjoni sottomessa mill-konvenuta a fol 4 ibid) jidher li, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili hemm kawza pendenti, fl-istess ismijiet izda inversi ,u bi qbil bejn il-partijiet, gew esebiti mill-konvenuta l-verbali ta' tlett xhieda prodotti quddiem dik il-Qorti (fol 44 et seq ibid). Hanwhekk Colin Micallef xehed (fol 44 et seq ibid) in rappresentanza tal-agenti tal-vapur involut, spjega li l-oggetti in kwisjtoni kienu trasportati f'container groupage u l-konsenjatarju kien is-socjeta attrici. Ix-xhud kompla biex jghid illi 'several packages were damaged' u hawnhekk kien qed jirreferi mhux biss ghall-oggetti appartenenti lill-konvenuta izda ukoll ghal oggetti ohra ta' terzi persuni li kienu fl-istess container. Paul Zerafa (fol 47 ibid) meta xehed bhala ir-'releasing officer' tad-Dipartiment tad-Dwana, sema illi ma tantx kien qed jiftakar id-dettalji dwar dan il-kaz. Frank Zammit (fol 49 ibid) li kien impjegat mal-istess socjeta konvenuta bhala "salesman' ikkonferma illi kien gie avvicinat minn Robert Mifsud sabiex jigu trasportati effetti personali apartenenti lill-attrici, mir-Renju Unit. L-istess Robert Mifsud kien accetta l-istima kkwotata u ghalhekk '…. We brought over these personal effects ….". Meta dawn ingiebu Malta, hu ra w ikkostata illi certi minnhom kienu dannegjati u fuq talba tieghu, Robert Mifsud kien issottometta prospett dwar l-istess hsarat.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta attrici tikkontendi li ma giex pruvat illi hi, li kienet il-'freight forwarder', kienet hi li tahti ghad-danni sofferti mill-konvenuti u dan permezz ta' att jew ommissjoni da parti tas-socjeta attrici.

Illi l-konvenuta qed topponi l-hlas tal-ispejjes ghat-trasport tal-oggetti in kwistjoni mir-Renju Unit ghal Malta. Difatti hi hallset l-ispejjes rigwardanti dawk inkorsi f'Malta mix-Xatt sar-residenza taghha.

Illi, pero', kif risultanti mix-xhieda tal-imsemmi Michel Licari, avolja s-socjeta attrici, skond hi, ma tat l-ebda inkarigu lis-socjeta estera Delamode biex tigi trasportata l-

propjeta tal-konvenuta lejn Malta l-istess socjeta attrici, xorta wahda u ghar-raguni msemmija fl-istess xhieda hallset lill-imsemmija socjeta estera u dan minghajr ma, b'xi mod, ikkonsultat ruhha mal-konvenuta. Ghalhekk il-Qorti taqbel ma dak sottomess mill-konvenuta a fol 57 ibid fis-sens illi s-socjeta attrici "… ma kellha ebda dritt tiddeciedi ghall-konvenuta li thallas lil din is-socjeta (Delamode). Kien jispetta lill-konvenuta biss li tiddeciedi li thallas jew ma thallasx lill … Delamode".

Mill-provi prodotti,jidher li gie pruvat illi l-oggetti personali appartamenti lill-konvenuta waslu f'Malta b'uhud minnhom danneggati u ghalhekk kien imprudenti, da parti tal-istess socjeta attrici illi din thallas l-ispejjes ghat-trasport lis-socjeta estera msemmija, biex imbaghad tintavola din l-azzjoni ghar-rifuzjoni minghand il-konvenut tal-ammont imhallas lill-imsemmija socjeta estera.

Illi dan premess, il-Qorti tara li ma hemmx il-htiega li tiddeciedi dwar jekk l-istess oggetti gew konsenjati lis-socjeta estera Delamode fi stat tajjeb jew jekk l-istess oggetti kienux, o meno, ppakkjati tajjeb ghat-trasport lejn Malta. Inoltre ma hux mehtieg, fid-dawl tal-premess,illi jigu decizi l-punti l-ohra sollevati mill-konvenuta flimkien ma dawk sottomessi mis-socjeta attrici fin-nota taghha. Izda jrid jinghad mill-lat legali illi pagament b'surroga ghandu jopera jew bi ftehim jew bl-operat tal-ligi (ara dwar dan l-artikolu 1164, 1165 u 1166 tal-Kodici Civili) u l-Qorti rat illi dawn l-artikoli ma jistghux jigu applikati f'dan il-kaz favur is-socjeta attrici. Difatti fil-kaz in desamina ma irrisutax illi s-socjeta attrici issodisfat kreditur iehor aventi drittijiet salvagwardati bi privilegg gjew ipoteka precedenti jew illi trattasi ta' hlas ta' prezz ta' immobbli imhallas sabiex jigi sodisfatt xi kreditu aventi drittijiet l-ipotekarji fuq l-istess immobbli jew illi dan il-kaz jinvolvi persuna obligata ma' persuni ohrajn jew f'isimhom, biex jhallas debitu, ghandu interess illi jhallas id-debitu kollu jew hu kaz ta' eredi bil-beneficcju tal-inventarju.

Illi, ghalhekk, il-konvenuta ghandha id-dritt legali illi topponi tali hlas a basi ta' dak premess.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba attrici bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri kontra l-istess socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------